13 ta' Marzu, 1954

Imħallef :

Chev. Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Il-Pulizija *versus* Effie Tonna

## Diżubbidjenza għall-Ordnijiet tal-Pulizija — Perikolu fil-Bini — Art. 18 tal-Liġijiet tal-Pulizija, u art. 352(cc) u 389 tal-Kodiċi Kriminali

*Is-sid ta' fond li jkun fi stat ħażin ta' tiswija u fi stat ta' perikolu għall-inkolumità, ma jistax jiġi ritenut ħati taħt l-art. 18 tal-Liġijiet tal-Pulizija, jekk il-perikolu ma jistax javvera ruħu ħlief għad-dannu tal-persuni li jinsabu fil-fond jew għad-dannu tal-fond stess, u mhux ukoll tal-passanti.*

*Imma dak is-sid jirrendi ruħu ħati ta' diżubbidjenza għall-ordnijiet tal-Pulizija jekk jiġi avżat biex ineħħi l-perikolu u huwa ma jneħħihx. Id-diżubbidjenza tista' tikkonsisti anki fis-sempliċi inazzjoni, ossija ineżekuzzjoni ta' l-ordni. U xejn ma jiswa lis-sid li l-ordni li jkun ġie lilu mogħti jsemmi l-perikolu għall-passanti; għax is-sustanza ta' l-ordni hija t-tiswija, u mhux iċ-ċirkustanza tal-passanti, għall-finijiet tar-reat ta' diżubbidjenza għall-ordnijiet tal-Pulizija.*

Il-Qorti; — Rat l-imputazzjoni magħmula mill-Pulizija kontra l-imputat quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta, talli f'dawn l-aħħar tliet xhur, wara li ġie avżat mill-Pulizija bis-saħħa ta' l-art. 18 tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija (Kap. 13), bħala sid tal-fond nru. 3 Upper Valley Road, Imsida, li jinsab fi stat ħażin ta' tiswija u ta' perikolu għall-inkwilini, naqas li jagħmel l-imsemmi fond fi stat tajjeb ta' tiswija, u b'hekk ineħħi l-perikolu li jeżisti, taħt id-direzzjoni tad-Direttur tax-Xogħlijiet Pubbliċi;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tat-8 ta' Jannar, 1951, li biha kkundannatu għall-ammonizzjoni u riprensjoni, u tagħtu għoxrin ġurnata żmien biex ineħħi l-perikolu taħt penali ta' 10s. ammenda kull ġurnata ritard;

Rat ir-rikors li bih l-imputat appella minn din id-deċiżjoni;

Trattat l-appell tiegħu, ikkunsidrat;

Peress li mill-provi jirriżulta li l-perikolu ma jistax javvera ruħu ħlief għad-dannu tal-persuni li jinsabu f'dan il-fond jew għall-fond stess ta' proprjetà ta' l-imputat, u mhux għall-passanti, għalhekk l-art. 18 Kap. 13 ma hux applikabbli (App. Krim. "Pul. vs. Palermo Navarra Bonnici", 17 ta' Ottubru, 1928). Għalhekk l-imputat ma jistax jinstab ħati in bażi ta' dik id-dispożizzjoni, u ċ-ċitazzjoni ta' l-artikoli relativi tal-Kap. 13 fis-sentenza appellata ma hijiex f'lokha;

Il-provi juru, però, li l-imputat iddiżubbidixxa l-ordni lilu mogħti mill-Pulizija, inkorporat fid-dokument fol. 12, u dan in bażi għal dak li ritenniet din il-Qorti fis-sentenza ċitata, ta' l-Imħallef Sir Philip Pullicino, segwit mill-Imħallef sedenti fis-sentenza "Pul. vs. Coleiro", 23 ta' Ġunju, 1915. F'każijiet simili hu applikabbli l-art. 352 (ee) Kap. 12 u 389 idem, ukoll ċitati fis-sentenza appellata;

Id-diżubbidjenza tista' tikkonsisti anki f'sempliċi inazzjoni, ossija ineżekuzzjoni ta' l-ordni;

Nejn ma jiswa lill-imputat li fl-ordni fol. 12 jissemma l-perikolu għall-passanti; għax fis-sustanza hi l-ordni għat-tiswija, u mhux iċ-ċirkustanza tal-passanti, għall-finijiet tar-reat ta' diżubbidjenza għall-ordnijiet tal-Pulizija;

Il-gravità u l-imminenza tal-perikolu ma titneħħiex għa-

liex ix-xoroq huma biss perikoluzi jekk xi hadd jimxi fuqhom, appuntu ghax ma hu xejn haga kbira li xi hadd jista', b'aljenazzjoni, jew injoranza, jew inkurja, jew spensjeratezza, jimxi fuqhom u jgib perikolu lilu u lin-nies ta' gewwa l-lond;

Jista' jkun hemm kazijiet fejn ir-rimedju kriminali ma hux impellenti u jista' jigi sostitwit il-process civili (bhal fil-kaz *App.* "*Pol. vs. McKean*", 3 ta' Novembru, 1930); imma f'dan il-kaz ma hux hekk;

Ghal dawn ir-ragunijiet, u *fis-sens* li l-imputat hu hati ta' dizabbidjenza ghall-ordnijiet legittimi tal-Pulizija, tiddecidi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. It-terminu jghaddi mil-lum.

---